MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 242/2009

**W C**
**vs**
**B I**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta’ Settembru 2005, u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fl-20 ta’ Awissu 2008; li z-zwieg huwa null, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f][g] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; u li ghalhekk qed jitlob li dan iz-zwieg jigi dikjarat null fil-ligi; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha, preliminarjament sostniet li t-talba attrici hija nfondata fil-

fatt u fid-dritt, u sekondarjament li l-konvenuta ma' ghandha ebda htija ghall-annullament;

Rat ukoll il-verbal registrat fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2010 li permezz tieghu l-konvenuta ipprecizat "li hi mhux qed tikkontesta t-talba attrici li z-zwieg huwa null, izda qeda tikkontesta bil-qawwa r-responsabbilita' ghal din in-nullita', kif ukoll li thallas l-ispejjez tal-kawza,";[1]

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta qeda tikkontesta t-talba attrici, u precizament ir-responsabbilita' taghha ghan-nullita'.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu, u anke x-xhieda mressqa minnhom.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Settembru 2005 meta allura l-attur kellu 32 sena u l-konvenuta, li diga' kellha tifla minn relazzjoni, kellha 31sena u wara li kienu ilhom johorgu flimkien bejn sitta u seba' snin. Wara konvivenza ta' ftit anqas minn tlett snin, il-partijiet isseparaw de facto; u sussegwentement il-konvenut dahhlet f' relazzjoni stabbli ma' mara, filwaqt li l-attur dahal f' relazzjoni stabbli ma' mara ohra li minnha sas-16 ta' Gunju 2010 kien qed jistenna tarbija.

*Verzjoni Attur*

[1] Fol.102

Illi l-ilment principali ta’ l-attur, kemm fiz-zmien ta’ l-gherusija kif ukoll, u izjed u izjed, wara z-zwieg, huwa l-bruda sesswali da parti tal-konvenuta fil-konfront tieghu. Dina kienet turi riluttanza li taghmel l-att taz-zwieg billi ggib hafna skuzi, u sahansitra okkazzjonalment kienet tghidlu biex jinqeda wahdu.  Jghid li l-avvanzi ghar-relazzjonijiet intimi kienu jsiru dejjem minn naha tieghu, filwaqt li l-konvenuta qatt ma kienet tavvicinah.

Jghid li l-att taz-zwieg, meta jsir, kien isir dejjem bil-prekawzzjoni fuq insistenza tal-konvenuta peress li dina ma kienitx riedet tfal f’ dan iz-zwieg.

Huwa kien jara lill-attrici dejjem bin-nervi u bid-dwejjaq, u dan, flimkien mar-riluttanza da parti taghha li jkollha relazzjonijiet intimi mieghu, kienu gieghluh jahseb li kien hemm xi haga hazina fih fis-sens li hu ma kienx ragel bizzejjed. Ghalhekk kien fittex ghajnuna professjonali minghand psikologu. Jammetti li qabel iz-zwieg huwa kien mar ghand psikjatra peress li kien qed ibati minn anzjeta’ u stress qawwi.

*Verzjoni Konvenuta*

Il-konvenuta tikkonferma li l-partijiet kellhom gherusija twila, u tispjega li qabel ma bdiet ir-relazzjoni ma’ l-attur hija kellha diversi boyfriends, u di fatti kienet harget tqila minn wiehed minnhom.  Tghid li kellha relazzjoni twila ma’ ragel u li kienet waslet biex tizzewweg izda hassret meta skopriet li dan ma kienx fidil lejha.

Illi rigward l-attur hija tilmenta mill-fatt li, sa minn qabel iz-zwieg, kien jidher car li dan kien bniedem li jiffissa fuq kollox, u kien ukoll anzjuz, tant li kien imur, wahdu, fuq insistenza tieghu, ghand il-psikologu.  Lilha pero’ ma kienx jaghtiha sodisfazzjoni tad-dijanjosis tal-psikologu;
izda tghid li “Kont inhobbu, u vera vera xtaqt li jkollna familja flimkien.  Konna ghadna naghmlu l-post kollu, kollox minn qalbi ghamilt.”[2] u ghalhekk kompliet bir-relazzjoni, u zzewwget lill-attur.

[2] Fol.109

Hija tichad li kien hemm problemi minn naha taghha dwar ir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom, u tghid li dawn kienu tajbin, izda tilmenta mill-fatt li fl-intimita' sesswali ta' bejniethom l-attur kien egojist – basta jinqeda hu, u gieghli fir-relazzjonijiet intimi lanqas wera nteress li jiffinalizza bl-att taz-zwieg. Tghid pero' li fil-bidu tal-konvivenza matrimonjali l-att taz-zwieg kien isir kwazi kuljum.

Il-konvenuta tilmenta mill-fatt li l-att taz-zwieg kien isir dejjem bi prekawzzjoni da parti ta' l-attur peress li dana ma riedx tfal fiz-zwieg minhabba ragunijiet finanzjarji, filwaqt li l-konvenuta li diga' kellha tifla, riedet tkabbar il-familja b' tarbija ohra.

Tispjega li l-fissazzjonijiet ta' l-attur, anke fuq affarijiet zghar bdew jaggravaw, u anke certu atteggjament da parti tieghu, bhal per ezempju li ma kienx ried li jkollu kuntatt mal-genituri taghha, kellhom effett kumulattiv u negattiv fuqha, tant li kien hassa "fgata esagerat"[3], u ghalhekk iddecidiet li tissepara.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti tosserva li l-imputazzjonijiet maghmula mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin gew reciprokament michuda, u z-zewg partijet ressqu xhieda li in parte jaghtu konfort lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija minhom; pero' s-segwenti osservazzjonijiet huma relevanti:

[1] Illi ragel ta' l-eta' ta' l-attur li jkollu relazzjoni ma' mara qabel iz-zwieg ghal circa sitt snin [l-konvenuta tghid tmien snin] u li, skond l-attur, ikun induna li dina kienet bierda minnu sesswalment jew riluttanti ghall-attivita' sesswali, dan ghandu ragjenvolment japprezza li ser jkollu problemi fiz-zwieg. Wara kollox l-iskop ta' dan il-perijodu huwa proprju sabiex il-konjugi prospettivi jsiru jafu lil xulxin qabel ma jaghtu l-kunsens matrimonjali u jiehdu l-pass taz-zwieg jekk ihossuhom komdi, sodisfatti u ferhanin bir-relazzjoni taghhom. Ghalhekk fil-kaz prezenti l-fatt li l-attur kompla bir-relazzjoni, nonostante dan in-nuqqas da parti

[3] Fol.116

tal-konvenuta fuq materja daqshekk essenzjali ghaz-zwieg, juri li dan ma gharafx l-import tal-hajja konjugali.

[2] Illi l-istess japplika ghall-konvenuta meta dina, minkejja li kienet taf li, kif sostni hi, li l-attur kien jbati mill-fissazzjoni; u minkejja li kienet taf li l-attur, allura gharus taghha, kien diga' qed jiehu medikazzjoni minhabba l-anzjeta' u l-istress, hija xorta wahda ddecidiet li tkompli bir-relazzjoni, u dan b' rizultat dizastruz peress li meta zzewwget bdiet ihossha "fgata esagerata" minhabba l-komportament ta' zewgha.

[3] Illi l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-attur ma riedtx tfal fiz-zwieg tinsab imminata mill-fatt li, wara s-separazzjoni, l-attur dahal f' relazzjoni stabbli ma' mara ohra li minnha fis-16 ta' Gunju 2010 kien qed jistenna tarbija. Minn naha l-ohra l-allegazzjoni ta' l-attur li l-konvenuta ma rieditx tfal fiz-zwieg hija nverosimili fic-cirkostanzi kif johorgu mill-provi.

[4] Illi l-allegazzjoni da parti ta' l-attur li l-konvenuta kienet riluttanti li taghmel l-att sesswali mieghu waqt iz-zwieg, jew li kienet iggib skuzi biex dan ma jsrix, issib certu konfort mill-fatt li wara s-separazzjoni din dahlet f' relazzjoni ma' mara ta' orjentament omosseswali; izda jigi precizat li dan *per se* ma jwassalx necessarjament ghall-integrazzjoni tal-caput nullitatis kontemplat fl-ahhar parti tal-paragrafu [d], stante li l-anomalija psikologika trid tkun mhux biss serja, izda tali "li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg." Fil-daz in dizamina dan l-estrem ta' l-impossibilita' ma jrrizultax.

Dan premess u kkunsdirat, il-Qorti tirravviza l-ezistenza tal-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-imsemmi paragrafu [d] fil-konfront taz-zewg partijet, u cioe' li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali t-tnejn kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, u li t-tnejn kienu ostakolati minn fatturi serji li jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u mhabba.

Ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.16, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta’ Settembru 2005.

L-ispejjez jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------